**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 90/2024**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Karol Grech**

Illum, 28 ta' Frar 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Karol Grech, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 402891(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-21 ta' Marzu 2015 għal ħabta ta' 9pm u/jew ħinijiet qabel, fi Triq Tal-Barrani Ħal-Tarxien u/jew f'dawn il-Gżejjer:

1. Saq vettura tal-għamla Honda Prelude numru tar-reġistrazzjoni KBJ872, u b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni ta' ħila fl-arti jew professjoni jew ukoll b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaġuna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Anthony Dimech minn San Pawl skond kif iċċertifika Dr. T. Zammit Reg 3054 mill-isptar Mater Dei;
2. Ukoll talli fl-istess ċirkustanzi ikkaġuna ferita fuq il-persuna ta' Rawia El Badr li ġabitilha abort skond kif iċċertifika Dr. Ali Safraz mill-isptar Mater Dei;
3. Ukoll talli fl-istess ċirkustanzi ikkaġuna ferita ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Maria Bianco minn Ħaz-Zabbar skond kif iċċertifika Dr. Pasan Perera Reg 5560 mill Isptar Mater Dei u ferita ħafifa fuq il-persuna ta' Rawia El Badr skond Dr. V. Patel Reg 3602 mill-Isptar Mater Dei;

4. Ukoll talli fl-istess ċirkustanzi, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni ta' ħila fl-arti jew professjoni jew ukoll b'nuqqas ta' tħaris tar-Regolamenti tat-traffiku, ikkaġuna ħsara fuq vettura tal-għamla Toyota Vitz numru tar-reġistrazzjoni ACC932 u Opel Astra numru tar-reġistrazzjoni AAF389 u Honda Prelude numru tar-reġistrazzjoni KBJ872 għad-detriment ta' Ezzadden Ali Bashir Farhat, Anthony Dimech u Mary Grace Grace rispettivament;
5. Ukoll talli fl-istess ċirkustanzi, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni ta' ħila fl-arti jew professjoni jew ukoll b'nuqqas ta' tħaris tar-Regolamenti tat-traffiku, ikkaġuna ħsara fuq pjanti, siġar u/jew oġġetti oħra għad-detriment ta' E.L.C Ltd u/jew entitaijiet oħra;
6. Ukoll talli fl-istess ċirkustanzi fi Triq tal-Barrani Ħal-Tarxien u/jew f'dawn il-gzejjer saq l-imsemmija vettura Honda Prelude numru tar-reġistrazzjoni KBJ872 b'manjiera traskurata u perikoluza;
7. Ukoll talli fl-istess ċirkustanzi saq l-imsemmija vettura bi *speed* eccessiv;
8. Ukoll talli fl-istess ċirkustanzi fi Triq tal-Barrani Ħal-Tarxien u/jew f'dawn il-gżejjer saq l-istess vettura meta ma kienx kopert għal riskju ta' terzi persuni;
9. Ukoll tall fl-istess ċirkustanzi bil-ħsieb li jaghmel użu temporanju tagħha saq vettura tal-għamla Honda Prelude numru tar-reġistrazzjoni KBJ872 kemm jekk immexija b'forza mekkanika kemm b'mezz ieħor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-14 ta' Marzu 2024, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli relevanti kollha:

i) Illiberat lill-imputat mit-tieni, mit-tielet u mid-disa' imputazzjonijiet, kif ukoll illiberatu mir-raba' imputazzjoni, inkwantu tirrigwarda l-vetturi Toyota Vitz u Honda Prelude għad-detriment ta' Ezzadden Alib Bashir Farha u Mary Grace Grech rispettivament;
ii) Iddikjarat bħala preskritti, is-seba' imputazzjoni u t-tmien imputazzjoni, ai termini tal-Artikolu 3(3) tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta;
iii) Wara li rat l-Artikoli 218(1)(a),226(1)(a), 328(b) u (d) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 15(1)(a) u (2) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni, tar-raba' imputazzjoni in kwantu tirrigwarda l-vettura Opel Astra, numru tar-reġistrazzjoni AAF 389, għad-detriment ta' Anthony Dimech, tal-ħames imputazzjoni, u tas-sitt imputazzjoni, u ikkundannatu għal ħlas ta' multa komplessiva ta' elfejn Ewro (€2000) u skwalifika tal-liċenzja tas-sewqan għal sitt xhur, li jibdew jiddekorru minn nofs illejl tad-data tas-sentenza;
iv) A tenur tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, ordnat lill-ħati sabiex iħallas l-ispejjeż inkorsi fl-inkjesta maġisterjali, fl-ammont ta' €200.10ċ (spejjeż SOCO PC 302); u €424.60ċ (spejjeż imħallsa lil Dr Mario Scerri) fi żmien tliet xhur mid-data tas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellant Karol Grech, ippreżentat fit-18 ta' Marzu 2024, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjarah mhux ħati

skond il-liġi u fin-nuqqas ta' dan, tapplika piena inqas kiefra u ħarxa kif jidhrilha xierqa u opportun.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali datata 11 ta' Lulju 2024.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant ħassu aggravat bis-sentenza ta'l-Ewwel Qorti għaliex jisħaq illi huwa ma kienx jaħti għas-sinistru stradali mertu ta' dan il-każ u dan għar-raġuni illi fl-ebda ħin ma saq b'mod negliġenti jew traskurat, u dejjem zamm mar-regoli tas-sewqan. Jisħaq li l-kawża prossima ta'l-inċident kienet il-manuvra magħmula mill-vettura misjuqa minn Salahiddin M Mohammed Al Taroug, li invadiet il-karreġġjata tiegħu, biex b'hekk seħħ impatt qawwi mal-vettura tiegħu li wasslitu sabiex tilef il-kontroll fis-sewqan, bil-vettura misjuqa minnu taqbeż għal fuq il-karreġġjata tat-traffiku ġej mid-direzzjoni l-opposta u spiċċat ħabtet mal-vettura Opel misjuqa mill-parti offiża Anthony Dimech. Kwindi jikkontendi illi kellu jkun lliberat ukoll mill-imputazzjonijiet numru wieħed, erba', ħamsa u sitta dedotti kontrih.

Illi l-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1].

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon

Illi, minn ezami akkurat tal-atti proċesswali jirriżulta li nhar il-21 ta' Marzu 2015, seħħ inċident stradali fi Triq tal-Barrani fejn kienu involuti tlett vetturi – *Honda Prelude* bin-numru ta' reġistrazzjoni KBJ 872 misjuqa mill-appellant, *Toyota Vitz* bin-numru ta' reġistrazzjoni ACC 932 misjuqa minn Salahiddin M Mohammed u *Opel Astra* bin-numru ta' reġistrazzjoni AAF 389 misjuqa minn Anthony Dimech, u f'liema inċident xi persuni sofrew ġrieħi serji. Minn stħarriġ li sar fuq il-post seta' jiġi konstatat illi l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni KBJ 872 u ACC 932 kienu qed jiġu misjuqa fid-direzzjoni lejn Santa Luċija, filwaqt li l-vettura b'numru ta' reġistrazzjoni AAF 389 kienet qed tiġi misjuqa fid-direzzjoni taz-Zejtun. Jidher li sar impatt bejn il-vetturi KBJ872 u ACC 932 b'rizultat li x-xufier tal-vettura KBJ872 tilef il-kontroll, qabez iċ-*central strip* u ħabat mat-tielet vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni AAF 389 ġejja mid-direzzjoni l-opposta.

Illi, mill-*PIRS Report* jirrizulta li *a tempo vergine*, Salahiddin M Mohammed stqarr li "**Kont tiela minn Triq tal-Barrani u ħassejt xi ħadd li baqa' dieħel fuq wara tiegħi u tefani ġol ħajt u z-zewġ karozzi spiċċaw in-naħa l-oħra tat-triq**". Għalkemm ma xehedx quddiem l-Ewwel Qorti billi kien laħaq telaq minn Malta, madanakollu meta xehed quddiem l-Espert tekniku Mario Buttigieg maħtur fl-inkjesta maġisterjali, kien stqarr illi:–

> **Fil-21 ta' Marzu 2015 għall-ħabta tad-21:00 ta' filgħaxija jiena kont qed insuq vettura tal-għamla Toyota mudell Vitz li għandha numru ta' reġistrazzjoni ACC 932. Din il-vettura hi tal-ħabib tiegħi li jismu Ezzadin Alin Bashir Farhat. Miegħi kelli l-ħabiba tiegħi li jisimha Rawia El Badr. Aħna konna ġejjin mid-direzzjoni Zejtun u konna sejrin lejn in-naħa ta' Ħal Tarxien. Jiena kont qed insuq u ġej minn naħa tal-Gudja. Waqaft mal-lights li hemm f'din it-triq u qalbu ħodor. Wara jiena soqt il-fuq. Jiena qlibt il-karreġjata u kont qed insuq fuq in-naħa tal-lemin tat-triq. Kif kont għaddej mill-mera tan-nofs rajt vettura ġejja b'veloċita' qawwija. Jiena ppruvajt naqleb il-karreġjata tan-naħa tal-lemin izda s-sewwieq l-ieħor baqa dieħel ġo fija minn wara. Jiena bid-daqqa tlift kontroll tal-vettura u anki ħbatt mal-ħajt.**

Illi, ukoll, Rawai El Badr, li kienet passiġġiera fil-vettura misjuqa minn Salahiddin M Mohammed, stqarret mal-Espert Tekniku Mario Buttigieg illi:-

---

Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

**Fil-21 ta' Marzu 2015 jiena flimkien ma' At-Taroug konna z-Zejtun. Fiz-Zejtun aħna konna qed induru. Al-Taroug kien qed isuq vettura tal-għamla Toyota mudell Vitz. Konna ġejjin mill-Gudja fejn waqafna mal-lights. Kif ħriġna bqajna fuq l-ewwel sett tat-traffic lights li hemm ġewwa Tal-Barrani. Dak il-ħin aħna konna fuq in-naħa tal-lemin. Kif qaleb aħdar tlaqna u Al-Taroug baqa' jsuq fuq in-naħa tal-lemin tiegħu. F'ħin minnhom smajt ħoss qawwi ta' karozza. X'ħin smajt il-ħoss jiena ħarist lura u rajt il-vettura u ċioe' l-Prelude tiela fuq il-bankina u kif tela' ezatt seħħet il-ħabta għal ġo fina. Bid-daqqa aħna morna fuq in-naħa tax-xellug waqt li l-Honda baqgħet miexja fuq iċ-centre strip sakemm daħlet fl-Opel. Waqt il-ħabta tal-Prelude daħal fir-rota ta' wara tagħna. Wara l-inċident jiena mort fuq tal-Opel sabiex nara x'ġara. Irrid ngħid li qabel l-inċident jiena kont ili xahrejn pregnant. Ngħid li fl-24 ta' Marzu 2015 jiena dħalt l-isptar peress li ħassejt ħafna uġiegħ. Sar l-ultrasound u t-tabib li jiena ma nafx x'jismu qalli li tlift it-tarbija. Jiena ħriġt mill-isptar l-għada wara nofsinhar.**

Illi, hija xehdet ukoll quddiem l-Ewwel Qorti fejn stqarret li dakinhar tal-inċident kienet fil-vettura misjuqa minn Mohammed Salahiddin u kienu sejrin l-Imsida. Tgħid li:

**"ħin minnhom smajt ħoss qawwi ta' karozza. Bdejt indawwar wiċċi. Kien hemm persuna qed issuq warajna. Kien qed isuq b'saħħa qawwija mhux sewqan normali u li niftakar ezatt, dakinhar ezatt, ħadna d-daqqa fuq in-naħa tal-lemin, dorna u dħalna ġol ħajt".**

Xehdet ukoll li kawza ta' dan l-inċident kienet tilfet it-tarbija li kienet qed iġġorr f'ġufha.

Illi, il-vittma Anthony Dimech li kien qed isuq il-vettura li magħha spiċċat ħabbtet il-vettura tal-appellant stqarr *a tempo vergine* illi:

**"Naf li tlajt it-tela taċ-ċimiterju u kont fuq il-lane ta' barra u maġenbi kien hemm xarabank u dort mar-roundabout u qabdt Triq tal-Barrani u ma niftakarx iktar x'ġara wara".**

Huwa xehed ukoll quddiem l-Espert Tekniku Mario Buttigieg fejn stqarr li –

**... fil-21 ta' Marzu 2015 għall-ħabta tad-21:00 ta' filgħaxija jiena kont qed insuq vettura tal-għamla Opel mudell Astra bin-numru tar-reġistrazzjoni AAF 389. Kont qed insuq mid-direzzjoni taċ-ċimiterju u kont sejjer lejn id-direzzjoni ta' Birzebbugia. Fi Triq tal-Barrani jiena kont qed insuq fil-karreġjata ta' barra minħabba li ma ġenbi kien hemm xarabank. Kemm jiena u anki tax-xarabank konna mixjin bl-istess veloċita'. Vetturi quddiemi ma kienx hemm. X'ġara wara ma niftakarx u lanqas ma niftakar kif seħħ l-inċident. Meta erġajt ġejt f'sensija rajt lit-tabib Dott. Joslin ma' ġenbi fil-vettura fuq in-naħa tax-xellug. Fuq il-post tani injezzjoni u jiena erġajt**

**irqadt. Qomt filgħaxija u sibt ruħi ġewwa l-isptar. Jiena ħriġt mill-isptar fl-10 ta' April 2015 fejn sal lum għadni fil-wheel chair u ser nibda mmur għall-physiotherapy. Jiena f'dan l-inċident soffrejt ksur f'sieqi x-xellugija, l-pelvis u l-hipbone.**

Illi, *in oltre*, Anthony Dimech xehed ukoll *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti fejn qal li dakinhar tal-inċident in kwistjoni, kien dar mar-*roundabout* ta' Santa Luċija u qabad Triq il-Barrani direzzjoni lejn iz-Zejtun. Minn hemmhekk 'il quddiem ma jiftakar xejn ħlief li sab ruħu l-isptar. Jgħid li kawza tal-inċident *de quo*, kien għamel madwar tlett ġimgħat l-isptar, kif ukoll ma setax jimxi għal madwar tlett xhur. Di fatti, mill-*affidavit* tat-tabib Jonathan Joslin li eżamina lil Anthony Dimech dakinhar tal-21 ta' Marzu 2015 jirriżulta li l-istess kien ġie ċċertifikat li qed isoffri minn ġrieħi li ġew ikklassifikati bħala "***life threatening (in danger of loss of life)***". *In oltre*, il-Konsulent Massimo Abela xehed li Anthony Dimech sofra minn diżabilità permanenti ta' 12% kawża ta' dan l-inċident.

Illi, xehdet ukoll Maria Bianco li kienet passiġġiera fil-vettura tal-appellant. Quddiem l-Espert tekniku Mario Buttigieg hija stqarret li -

**Illi fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu 2015, għall-ħabta ta' tmienja u nofs (20:30) ta' filgħaxija, Karol Grech ġie għalija d-dar tal-ġenituri tiegħi u ċioe' ġewwa Ħaz-Zabbar. Grech ġie bil-vettura tal-għamla Honda mudell Prelude bin-numru tar-reġistrazzjoni KBJ 872. Konna sejrin lejn is-Siġġiewi sabiex naraw in-nar tal-art. Għaldaqstant sabiex imorru lejn is-Siggiewi riedna ngħaddu minn tal-Barrani. Fil-lights li jagħtu għal Ħal Tarxien waqafna, peress li kienu ħomor. Dak il-ħin konna fuq il-karreġjata tan-naħa tax-xellug. Kif konna weqfin ġie l-kuġin ta' Grech u waqaf ħdejna. Il-kuġin tiegħu jismu Bernard Grech. Miegħu kellu ħabib li jiena ma nafx x'jismu. Karol Grech staqsa lill-kuġin tiegħu fejn kienu sejrin u hu qallu li kienu ser jixtru pizza, izda ma qalx minn fejn. Kif id-dawl qalbu ħodor aħna tlaqna minn hemm. Fis-set tal-ewwel lights kellna nerġgħu nieqfu. Konna għadna fuq in-naħa tax-xellug ta' triq. Kif il-lights reġgħu qalbu ħodor, Karol Grech qaleb il-karreġjata u ġie fuq in-naħa tal-lemin. Mill-lights Karol Grech qala' b'mod normali. Laħaq tella' l-veloċita' izda ma nafx b'kemm. Għalija kien qed isuq b'mod normali. Għar-rigward il-kuġin tiegħu ma nafx x'sar izjed minnu. Aħna u għaddejin jiena osservajt li s-sewwieq tat-Toyota Vitz kien qed isuq fil-karreġjata tan-naħa tax-xellug. Fil-pront is-sewwieq tal-Vitz qaleb u kiser fuq il-karreġjata l-oħra. Jiena fil-pront għidt lil Karol Grech 'Ar hemm' u wara ma nafx x'ġara iktar. Lanqas ma niftakar immorru fuq il-karreġjata l-oħra. Wara ndunajt li spiċċajna fuq in-naħa l-oħra tat-triq u jiena ħriġt minn ġol vettura. Ma nafx jekk is-sewwieq tat-Toyota laqatx il-vettura li konna qegħdin fiha. Jiena kont bilqegħda fuq in-naħa tal-passiġier u kelli**

**s-seat belt milbus. Wara l-inċident jiena mort l-isptar fejn soffrejt ġrieħi ta' natura ħafifa.**

Illi, *inoltre*, meta xehdet quddiem l-Ewwel Qorti, Maria Bianco tagħti l-istess verżjoni tal-fatti.

Illi, taw il-verzjoni tal-fatti tagħhom ukoll Bernard Debono, il-kuġin tal-appellant, kif ukoll Christopher Jones u Massimo Cini, li fil-ħin tal-inċident kienu passiġġieri ma' l-istess Debono. Lill-Espert Tekniku Mario Buttigieg, <u>Bernard Debono</u> stqarr li –

> **Illi fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu tas-sena elfejn u ħmistax (2015) jiena kont qed insuq vettura tal-għamla Mercedes mudell E class bin-numru ta' reġistrazzjoni FCA. Dakinhar miegħi kien hemm zewġt iħbieb tiegħi li jisimhom Chris James u Massimo Cini. Jiena ltqajt ma' Karol Grech fuq il-lights tal-Barrani n-naħa tan-niċċa fejn hemm il-Madonna. Ngħid li hu kien fuq in-naħa tax-xellug u jiena ġejt minn naħa tal-lemin. Jiena għidtilhom li kont sejjer lejn il-Ħamrun sabiex inġib pizza. Grech qalli li kien sejjer għall-festival tan-nar. Qaleb aħdar u soqna. Ma niftakarx jekk l-ewwel set ta' lights kienux ħomor jew ħodor. Kif qabez l-ewwel sett ta' traffic lights, Karol Grech qaleb il-karreġjata. Ngħid li jien kont madwar zewġ jew tlett vetturi l-bogħod minnu. Ma niftakarx jekk kienx hemm vetturi bejnitna. F'ħin minnhom ġew zewġ vetturi ma ġenb xulxin li dawn kienu Toyota Vitz u l-Honda Prelude. Ngħid li jiena lil tat-Toyota Vitz qatt ma rajtu ħdejn it-traffic lights. Kif kont għaddej rajt lis-sewwieq ta' Toyota Vitz jaqleb il-karreġjata mingħajr ebda indikatur mixgħul. Bil-konsegwenza li dan baqa' dieħel fil-ġenb tal-vettura tal-kuġin tiegħu. Mal-ħabta l-vettura tal-kuġin tiegħi għoliet u konsegwentement qabzet ic-centre strip u smajt ħabta oħra. Wara l-inċident jiena waqaft sakemm ġew il-paramediċi fuq il-post u wara mort l-isptar bil-vettura tiegħi. Ngħid li jien kont għaddej b'veloċita ta' madwar sittin sa sebgħin kilometru fis-siegħa.**

Illi, fil-*PIRS Report*, il-verzjoni ta' Debono kienet tgħid li "**... kien iltaqa' ma' kuġinuh fuq il-lights ta' Triq San Anard u sellmu lil xulxin u kif il-lights qaleb saqu t-tnejn li huma. Karol kien fuq il-lane ta' barra filwaqt li fuq il-lane ta' ġewwa kien hemm Vitz u Bernard kien wara l-Vitz u bla indicator il-Vitz kiser għal fuq Karol u ra l-karozza ta' Karol togħla fuq ġenb qabbzet ic-central strip, qabbzet għan-naħa l-oħra u ħabtet ma' karozza oħra li kienet nizla minn faċċata**". Sussegwentement, meta l-istess Debono xehed quddiem l-Ewwel Qorti huwa qal li dakinhar tal-inċident huwa kien iltaqa' mal-vettura tal-appellant fuq it-*traffic lights* ġewwa Triq tal-Barrani:–

> **"sellimna lil xulxin u tlaqna għat-triq tagħna, inzertajna tlaqna għall-istess triq li tagħti għal Santa Luċija u kien, jiena kont qed insuq warajh iġifieri kien hemm ftit metri 'l bogħod, kemm wieħed normali jzomm minn vettura**

**għal oħra iġifieri. Jiena niftakar Toyota Vitz fuq il-lane ta' ġewwa u hu fuq il-lane ta' barra bil-vettura tiegħu u rajt it-Toyota Vitz tidħol ġo fih u timbuttah għal karreġjata l-oħra tat-triq, iġifieri dik il-, jiena kont qed insuq nikkalkula għax kelli ovvjament, tkun qed tħares lejn l-arloġġ ta' quddiemek, kont qed nsuq sittin kilometru u rnexxieli nieqaf il-karozza iġifieri normali għax kieku kont għaddej izjed naħseb kont nidħol fihom ukoll għax ma kienx hemm distanza twila". ...... "It-Toyota Vitz kienet għaddeja fl-istess direzzjoni li konna għaddejin aħna iġifieri mill-lights tal-barrani direzzjoni lejn Santa Luċija, kienu għaddejin it-tnejn ma' ġenb xulxin, il-vitz fuq il-lejn ta' ġewwa u Karol fuq il-lane ta' barra, il-Vitz marret fuq il-lane ta' Karol u mbuttatu għal fuq il-karreġjata l-oħra"**.

Aktar tard pero' jgħid li:

"**Smajt id-daqqa pero' l-ħabta onestament ma rajtiex għax jien bil-qatgħa mbagħad x'ħin rajt il-karozza sejra in-naħa l-oħra qisek tibblankja, ma rajtix jiġifieri smajt li kien hemm impatt imma ma rajtx x'ġara qabel ma nzilt mill-karozza tiegħi u mort nara x'ġara**".

Illi, Massimo Cini li kien passiġġier ma Bernard Debono, stqarr mal-Espert Mario Buttigieg li –

**Għal ħabta tat-20:30 ta' filgħaxija aħna konna fid-dar tat-tfajla tiegħi li jisimha Kylie Zammit u ddeċidejna li nixtru pizza. Morna bil-vettura ta' Bernard Debono li kien qed isuq Mercedes. Għaddejna minn ħdejn il-fabbriki ta' Bulebel sabiex niksru lejn Santa Luċija. Kif wasalna ħdejn il-lights li hemm fejn l-istatwa tal-Madonna waqafna peress li kienu ħomor. Dak il-ħin rajna l-kuġin ta' Bernard Debono. Huma tkellmu u kif qaleb id-dawl inzilna flimkien. Debono kien fuq il-karreġjata tiegħu u kuġinuh fuq il-karreġjata l-oħra. Erġajna waqafna u kif reġgħu qalbu ħodor, tlaqna. Minn hemm il-kuġin ta' Bernard Debono qalana u ġie fuq il-karreġjata tagħna. Kif wasalna ħdejn l-ewwel sett ta' lights qala' normali izda f'daqqa u l-ħin beda' jzid il-veloċita'. Kif il-kuġin ta' Bernard Debono kien għaddej fuq il-karreġjata ta' barra, il-Vitz qabad u qaleb il-karreġjata mingħajr ebda indikatur. Ngħid li rajt il-Vitz bil-bumper ta' wara jaħbat man-naħa ta' quddiem tal-Prelude bil-konsegwenza li l-Honda tar fl-arja u spiċċa li mar fuq ic-centre strip. Dak il-ħin rajt vettura għaddeja fil-karreġjata opposta u smajt ħoss qawwi. Waqafna u ħriġna u morna ħdejn il-kuġin ta' Debono. Is-sewwieq tal-Vitz ma kellimniex.**

Illi, sussegwentement Cini xehed li "**just rajt lil Karol Grech, kien ma ġenbna fuq il-lights insomma umbagħad qlajna fuq lights oħra u ġie quddiemna**". Kompla jixhed li Grech ma kienx xegħel *indicator* u li "**mit-tieni lights 'l hemm, qala' bis-saħħa hu u seħħ l-inċident. Fuq in-naħa tal-passiġier kien hemm karozza oħra, Toyota Vitz li qalgħet ... qalgħet għal fuq il-fast lane mingħajr indicator u seħħ l-inċident għax**

**ġie impatt minn waħda għal oħra**". Xehed li l-appellant "**bejn wieħed u ieħor kien għaddej bit-80 zgur**".

Illi, Christopher Jones, li ukoll kien passiġġier fil-vettura ta' Bernard Debono stqarr mal-Espert Mario Buttigieg li –

> **Fil-wieħed u għoxrin (21) ta Marzu 2015, jiena flimkien ma' Bernard Debono konna d-dar ta' Massimo Debono. Kien sar il-ħin u ddeċidejna li mmorru nieħdu pizza. Ċempilna lil Pizza print li jinsab ġewwa l-Hamrun fejn iddeċidejna li mmorru bil-vettura ta' Bernard Debono li hija ta' għamla Mercedes. Jiena kont bilqegħda wara x-xuffier. Aħna konna ġejjin mill-Industrial Estate ta' Bulebel u waqafna ħdejn il-lights ta' ħdejn in-niċċa tal-Madonna. Debono waqaf fuq il-karreġjata tal-lemin waqt li Grech kien fuq in-naħa tax-xellug. Wara li l-lights qalbu aħna qbiznieh u Debono beda miexi bil-mod sakemm qalbu l-lights ħodor u komplejna għaddejjin. Sadanittant Karol kien għadu warajna. Meta konna f'tal-Barrani Karol Grech ġie quddiemna u kien hemm li hu ġie fuq il-karreġjata tal-lemin. Qabel ma seħħ l-inċident konna madwar tul ta' vettura bogħod. Ngħid li Karol Grech kien għaddej b'veloċita' b'saħħitha ta' madwar tmenin sa disgħin kilometru fis-siegħa. Jiena ilni nsuq għal dawn l-aħħar sentejn u nofs. Smajt ħoss qawwi ħiereġ mis-silencer ta' Karol Grech. Kif daħal quddiemna rajt lil tal-Yaris jaqleb il-karreġjata bla sinjal ta' indikatur. Il-vettura b'wara u ċioe' l-bumper tan-naħa tal-lemin laqat it-tyre ta' quddiem. Dak il-ħin il-Yaris daret madwar tlett darbiet u ħabtet fil-ħajt tan-naħa tal-lemin. Waqt li l-Prelude nqatat mill-art u marret fuq il-karreġjata l-oħra u wara smajt ħoss ta' ħabta oħra u rajt daħna. Jiena l-ħabta bejn il-Prelude u l-Opel ma rajtix.**

Illi, meta xehed, Jones qal li "**waqafna fil-lights, iltaqa' ma' Karol Grech, ovvjament kellmu għax jafu lil xulxin ovvjament, jiġu minn xulxin. Qelbu l-lights u tlaqna biex niġu fit-triq tal-barrani, sewwa, f'ħin minnhom ... Karol Grech għadda u qabez lil Bernard biex jiġi quddiemu, jiena li rajt jiena, il-vettura, Toyota Vitz ċilesta, tikser fuq in-naħa ta' fejn kien Karol, bla indicator xejn**". Huwa xehed li l-appellant kien xegħel l-*indicator* meta qaleb minn karreġġjata għal-oħra u li kien qed isuq "**bħala speed tmenin, tmenin zgur. Bi tmenin kien għaddej zgur**".

Illi, l-appellant ukoll ta' l-verzjoni tal-fatti tiegħu dwar l-inċident *de quo*. Fil-PIRS Report, hemm imnizzel li *a tempo vergine* l-appellant stqarr li "**Kont tiela mit-Triq tal-Barrani u kien hemm Vitz u qasam għal fuq il-lane tiegħi tani daqqa tellifli l-kontroll tal-vettura u spiċċajt in-naħa l-oħra tat-triq**". *In oltre*, huwa ta l-verzjoni tal-fatti tiegħu lill-Espert tekniku Mario Buttigieg, u dana wara li ngħata d-drittijiet kollha tiegħu naxxenti mill-liġi nostrana. L-appellant stqarr li –

**Fil-21 ta' Marzu 2015 jiena kont qed insuq vettura ta' għamla Honda Prelude bin-numru ta' reġistrazzjoni li jiena ma nafux. Fit-20:30 ta' filgħaxija jiena mort għat-tfajla tiegħi jisimha Maria Bianco ġewwa Ħaz-Zabbar. Għaddejt minn Bulebel Industrial Estate fejn hemm jiena waqaft fuq il-lights tal-Barrani. Waqt li jiena kont wieqaf iltqajt mal-kuġin tiegħi li jismu Bernard Debono. Jiena staqsejtu fejn kien sejjer u hu wieġeb li kien sejjer jixtri l-pizza. Jien għidtlu li konna sejrin naraw in-nar tas-Siggiewi. Kif ħriġna erġajt waqaft mal-ewwel sett ta' traffic lights li hemm ġewwa Tal-Barrani. Qlajt bil-mod u dan nista' ngħidu biċ-ċert peress li kien hemm vetturi oħra quddiemi. Kif qlajt u sibt post vojt fuq in-naħa tal-lemin tiegħi, għaldaqstant jiena xegħelt l-indikatur. Kont miexi dritt b'veloċita ta' madwar 60 kilometru fis-seiegħa. Waqt li jiena kont fuq il-karreġjata, tan-naħa tal-lemin tiegħi osservajt li l-Vitz kien fuq il-karreġjata l-oħra. Mingħajr l-ebda indikazzjoni oħra s-sewwieq tal-Vitz qabad u qaleb il-karreġjata. Ngħid li hu kien iktar il-quddiem minni. Kif kiser jiena dħalt fil-ġenb tiegħu. Għaldaqstant bid-daqqa tilifli l-kontroll tal-vettura tiegħi. Wara li seħħ l-impatt niftakarni tiela fuq iċ-centre strip u minn hemm ma niftakar xejn aktar.**

**...**

**Niddikjara illi jiena soqt l-imsemmija vettura darbtejn biss. Darba meta jiena mort nispara fuq il-plattini u darba oħra meta seħħ l-inċident. Kull darba li jiena kont insuq il-vettura jiena dejjem ħadt iċ-ċavetta l-isper. Ngħid li din iċ-ċavetta tkun imdendla mal-keyboard fejn kulħadd idendel iċ-ċwievet magħha. Intant dakinhar jiena qbadt iċ-ċavetta u ma għidtx lill-ommi peress li dakinhar hi kienet xogħol. Meta ommi tkun id-dar qatt ma nieħu l-vettura. Anki meta mmur għand it-tfajla tiegħi jiena kont immur bil-mixi. Meta jiena nkun mat-tfajla l-biċċa kbira aħna qatt ma ħriġna u dejjem nibqgħu d-dar. Il-mama' tiegħi qatt ma qaltli li jiena ma stajtx insuq il-vettura u lanqas jiena qatt ma staqsejt lil ommi jekk qatt stajt insuq il-vettura. Il-liċenzja tas-sewqan ilha għandi ħames snin u jiena qatt ma kelli vettura. Għalkemm il-mama' għandha vetturi oħra jiena qatt ma soqthom. Lanqas għar-rigward iċ-ċertifikat tal-assikurazzjoni jiena qatt ma tajt kaz kif kien u lanqas qatt ma qrajt iċ-ċertifikat.**

Illi, finalment l-Espert Mario Buttigieg ikkonstata li fil-ħin tal-inċident odejrn, it-triq kienet xotta, it-temp kien tajjeb u anke l-vizilibita' kienet tajba. Huwa jgħid ukoll li -

**Illi fejn allegatament seħħ l-inċident ma hemm l-ebda bini. Sezzjoni 127 tal-Motor Vehicle Regulation jgħid li l-veloċita' ta' vettura misjuqa ġo nħawi bħal dawn m'għandix teċċedi l-veloċita' ta' tmenin kilometru fis-siegħa. Għalkemm ftit iktar l-isfel f'din it-triq hemm instalati speed cameras fejn il-veloċita' permissibbli hi dik ta' 60 kilometru fis-siegħa.** (sottolinjar tal-Qorti)

Illi, finalment l-espert Buttigieg jikkonkludi illi:

**"l-evidenza turi illi l-vettura Honda soffriet ħsarat fuq quddiem tan-naħa tax-xellug. Illi kieku l-ħabta seħħet front to rear kif qed jallega Al-Tourag u li kieku Grech veru kien qed jagħmel il-manuvra ta' overtaking l-evidenza**

**turi li dan ma jagħmilx sens. Illi l-vettura Toyota Vitz kellha ħsarat fuq il-ġenb tan-naħa tal-lemin, waqt li anki l-Honda kellha ħsarat fuq quddiem fuq in-naħa tax-xellug. Għaldaqstant dan juri li effettivament l-impatt seħħ bejn il-vetturi fuq il-ġenb tagħhom, bil-konsegwenza li Grech tilef il-kontroll tal-vettura tiegħu u sussegwentement qaleb il-karreġjata u daħal fl-Opel Astra li kienet ġejja mid-direzzjoni opposta u ċioe minn naħa ta' Santa Luċija li kienet misjuqa minn Anthony Dimech għad-dannu ta' Nazzareno Dimech".**

Għalkemm in kontro-eżami l-espert igħid illi li kieku Salahiddin ma tax id-daqqa lill-vettura ta' Grech ma kienx iseħħ l-inċident, kif ukoll illi l-appellant kien qed isuq fil-karreġġjata tiegħu fuq il-*lane* ta' barra, madanakollu fir-rapport tiegħu l-imsemmi espert ikkonkluda illi kien hemm lok li jittieħdu passi kriminali kontra ż-żewġ sewwieq billi l-Qorti tifhem illi l-espert qies li t-tnejn ikkontribwew għas-sinistru stradali.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fil-fatt l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha kkonkludiet, *inter alia*, li –

> **Meta l-Qorti qieset il-provi, il-Qorti hi sodisfatta li l-inċident seħħ minħabba żewġ fatturi - il-manuvra li għamel is-sewwieq ta' Toyota Vitz u l-ispeed eċċessiv li kien għaddej bih l-imputat. Dan l-inċident seħħ peress li meta s-sewwieq tat-Toyota Vitz kien ser jaqleb il-karreġġjata tiegħu, huwa ħabat mal-vettura misjuqa mill-imputat, u minħabba li l-imputat (anke kif anke xehdu uħud mix-xhieda okulari), kien qed isuq b'veloċità eċċessiva, tant li malli sar l-impatt mal-vettura Vitz, huwa tilef il-kontroll tal-vettura tiegħu, li baqgħet dieħla fil-karreġġjata opposta. Għandu jingħad li ma hemmx dubju li l-fatt li xufier jitlef il-kontroll tal-karozza u jispiċċa fuq in-naħa l-ħażina tat-triq, minnu nnifsu hija prova indizjarja jew "circumstantial evidence" jew toħloq "presumption of fact" ta' sewqan ħażin, għax xufier suppost li jkollu l-vettura tiegħu dejjem taħt kontroll.**
>
> **…**
>
> **Fil-fehma umli ta' din il-Qorti, il-fatt li l-vettura tant ħarġet mil-kontroll tas-sewwieq, li spiċċat kompletament fuq in-naħa ħażina tat-triq, u ħabtet ma' vettura oħra li kienet għaddejja f'dik il-karreġġjata opposta, jinkwadra ruħu fil-kuntest ta' sewqan perikoluż u traskurat.**

Illi, l-Qorti ma tqisx li hemm xi motiv, abbażi tal-evidenza li hemm fl-atti, li jista' iwassalha titbiegħed mil-fehma milħuqa mill-Ewwel Qorti. Illi huwa minnu li l-appellant ma kienx jaħti unikament għal dan is-sinistru billi kien hemm it-tort ukoll ta' Salahiddin M Mohammed li meta ġie biex jaqleb għall-karreġġjata tal-lemin ma żammx *a proper lookout* u għalhekk ma innutax il-vettura misjuqa mill-appellant ġejja

minn warajh. Illi dan il-fatt madanakollu ma jistax jeżonera lill-appellant totalment mir-responsabbiltà penali. Huwa stabbilit illi l-appellant kien qiegħed isuq b'veloċità elevata għal lok fejn seħħ l-inċident li għalkemm hija triq arterjali fid-dritt, madanakollu hija ukoll triq miżgħuda b'diversi inkroċji u *traffic lights*, li allura ma jippermettux lis-sewwieq isuq b'veloċità elevata, tant illi ftit iktar 'l isfel hemm l-*ispeed cameras* li jistabbilixxu veloċità ta' mhux iktar minn 60 kilometru fis-siegħa.

Illi x-xhieda okulari kollha, kif hawn fuq riportat, huma konsoni mal-fatt illi kif l-appellant ħareġ mill-inkroċju, li minn ħdejn iż-żona industrijali ta' Bulebel jagħti għal fuq Triq il-Barrani, hekk kif qabeż it-*traffic lights* huwa ssorpassa il-vettura misjuqa minn kuġinuh, li ftit tal-ħin qabel kienet wieqfa ħdejh fuq il-*lights*, u ikkarga il-veloċita' tant għalhekk illi meta il-vettura misjuqa minn Salahiddin, li kienet ħierġa mid-direzzjoni tal-Gudja, qalbet il-karreġġjata huwa ma setax jirrallenta tempestivament sabiex jevita l-impatt. Fil-fatt l-impatt kien wieħed tant qawwi illi l-vettura ta' Salahiddin daret fuqha innifisha u baqgħet dieħla f'ħajt filwaqt li l-vettura misjuqa mill-appellant għoliet, qabżet is-*central strip* u spiċċat fuq il-karreġġjata tat-traffiku ġej mid-direzzjoni l-opposta u ħabtet fil-vettura misjuqa minn Anthony Dimech. Żgur li veloċità ta' 80/90 kilometru fis-siegħa huwa wieħed elevat ferm, iktar u iktar meta, fil-lok fejn seħħ is-sinistru, it-traffiku jkun qed javviċina *roundabout* li jinneċessita lis-sewwieqa jirrallentaw, u mhux jikkargaw il-veloċità. Dan iktar u iktar meta l-Qorti qieset il-fatt illi għall-appellant din kienet biss it-tieni darba li kien qed isuq il-vettura involuta fl-inċident, vettura li kienet tappartjeni lil ommu, fejn lanqas kien kopert b'polza ta'l-assigurazzjoni.

Illi fil-kamp penali in-negliġenza kontributorja ta' terzi jew tal-vittma ma teżonerax lill-ġudikabbli mill-ħtija, iżda tista' tittieħed in konsiderazzjoni biss ai fini ta' kalibrazzjoni ta' piena.

Illi fil-fatt għalkemm l-appellant fit-tieni aggravju tiegħu jilmenta illi l-piena erogata kienet waħda eċċessiva u jitlob temperament fl-istess, l-Qorti tqis illi l-piena hija waħda fil-parametri tal-liġi fejn il-massimu tal-multa erogabbli għar-reat tal-offiża involontarja ta' natura gravi fuq il-persuna, fit-termini ta'l-artikolu 226(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, hija dik ta'erbat elef sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin

ċenteżmu (€4,658.75), fejn l-Ewwel Qorti għaddiet biex timponi multa ta' €2000 u ma għażlitx li timponi piena restrittiva tal-liberta'.

**Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha, bit-terminu ta' sitt xhur għall-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan jibda jiddekorri mid-9:00 ta' għada fil-għodu.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**